# Dun Ġammarì Azzopardi f'għeluq il-75 sena minn mewtu

minn Keith CILIA DEBONO B.Sc., M.B.A.(Henley), M.Phil. (Maastricht)



Wieħed mill-qassisin tal-Mosta li ftit baqa' magħruf huwa Dun Ġammarì Azzopardi. Għalkemm huwa ħabrek ħafna għall-ġid ta' l-erwieħ, kemm minħabba fil-mewt tiegħu qasir il- għomor; u kemm minħabba f'xi diffikultajiet li sab ruħu fihom, ma laħaqx wettaq dak kollu li xtaq jagħmel f'ħajtu.

Dun Ġammarì[1] twieled il-Mosta fis-7 ta' Ġunju 1887, iben ta' Ġużeppi u Marija mwielda Galea, u tgħammed fir-Rotunda minn Dun Anġ Camilleri.[2] Il-parrinijiet tal-Magħmudija tiegħu kienu Salvu u Grazzja Galea, it-tnejn mill- Mosta u qraba tal-familja Azzopardi. Ta' min jgħid li l-familja Azzopardi kienet imħallta mal-familja Galea li tat lill-Mosta lill- Arċipriet Dun Pawlin kif ukoll mal-familja Vella, li fosthom ħarġu minnha l-edukatur u storiku Emanuel Benjamin Vella, u l-għalliem Benjamin Vella, it-tnejn neputijiet ta' Dun Gammarì.[3]



Dun Ġammarì Azzopardi (1887-1934)

Dun Ġammarì ħass fih minn kmieni x-xewqa li jsir qassis; u għalhekk wara li temm l-iskola Primarja (jew elementari kif kienu jsejħulha dak iż-żmien) fil-Mosta, daħal is-Seminarju u ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1912, mill-Isqof Angelo Portelli.[4] Wara li qaddes huwa beda biex jagħti ruħu għat-tagħlim tad-duttrina fil-parroċċa tal-Mosta, fejn kien jgħin lill-qassis Mosti Dun Karm Gauci, li kien jieħu ħsieb din il-ħidma. Dak iż-żmien f'Malta dan it-tagħlim kien nieqes; u għalkemm il-Maltin sa minn dejjem urew ħerqa kbira fil-prattika tar-reliġjon, kienu neqsin mit-tagħrif meħtieġ. Dun Ġammarì kien wieħed minn ta' l-ewwel minn dawk li fehmu s-siwi tal-moviment li kien qiegħed jibni Dun Ġorġ Preca. X'aktarx li hu kien jaf lil Dun Ġorġ mill-qrib u, bla dubju għenu biex jiftaħ żewġ ċentri tad-duttrina fil-Mosta - wieħed għall-irġiel u ieħor għan-nisa.



Il-kalċi u l-patena li kien juża Dun Ġammarì għall-Quddies, flimkien mal-ilbies tal-għażel tal-kalċi meħjut u rrakkmat bid-deheb minn oħtu Ursola.

Minn ittra li kiteb lill-Isqof fit-12 t'April 1916, Dun Edgar Salomone - qassis Mosti - jirriżulta li Dun Ġammarì għall-ħabta ta' l-1916 kien jippresedi l-laqgħat u kien ifisser it-tagħlim reliġjuż lil dawk li kienu jattendu ċ-ċentri. Is-'superjur' li kien jieħu ħsieb iċ-ċentru tas-subien kien Manwel Vella, għalliem - li ma kien ħadd għajr Emanuel Benjamin Vella, in-neputi ta' Dun Ġammarì.[5] Is-'superjura' li kienet tieħu ħsieb iċ-ċentru tal-bniet kienet s-Sinjorina Carmela Camilleri li kienet ġara tal-familja Azzopardi, u li kienet għalliema fl-iskola primarja tal-Mosta.[6]

Bil-ħsieb li jsaħħaħ it-tagħlim tad-Duttrina fil-parroċċa, l-Arċipriet ta' dak iż-żmien - Dun Pawl Mallia - għal dik il-ħabta, qabbad lill-qassis Mosti Dun Edgar Salomone biex imexxi l-Oratorju tas-subien. Il-ħsieb tal-parroċċa kien li jkun hemm Oratorju wieħed għas-subien u li jmexxih Dun Edgar. Dun Edgar daħal b'ruħu u b'ġismu għal din il-ħidma u ma damx ma ra xkiel fiċ-ċentri tal-Mużew li kienu qegħdin jeħdulu t-tfal mill-Oratorju tiegħu. Kien għalhekk li bagħat ilment bil-miktub lill-Isqof. L-Isqof, minn naħa tiegħu, għadda l-ilment lill-Kummissjoni li kien waqqaf ftit qabel hu stess biex tistħarreġ il-ħidma ta' Dun Ġorġ Preca. Waqt li fix-xhieda tagħhom diversi kappillani u qassisin delegati minnhom ma kellhomx għajr tifħir għall-ħidma tas-Soċjetà tal-MUSEUM,

kien Dun Edgar waħdu li oġġezzjona għal din il-ħidma providenzjali. Il-Kummissjoni, wara li qrat l-ilment u semgħet ix-xhieda dwarha, ma ħadet ebda deċiżjoni - x'aktarx fehmet li dak l-ilment kien miktub fis-saħna u magħmul bl-għaġġla. Madankollu b'xorti ħażina, il-ħidma tas-Soċjetà tal-MUSEUM fil-Mosta dik il-ħabta ntemmet ħesrem u kellhom jgħaddu qrib tletin sena biex fl-1946 infetaħ l-ewwel Ċentru uffiċjali tal- MUSEUM fil-Mosta. Sadattant Dun Ġamm kien ħalla din id-dinja[7]; iżda s-Soċjetà tal-MUSEUM kienet kisbet għarfien mill-Knisja u kienet rabbiet għeruqha sew fil-gżejjer Maltin. Dan l-inċident sfortunat ma setax ma weġġax lil Dun Ġammarì, l-aktar minħabba f'xi kummenti li saru minn min għamel l-ilment u li xejn ma kienu jistħoqq lill-qassis twajjeb.

Minn dak li ktibt jidher ċar li Dun Ġammarì kien indaħal fit-twaqqif tal-bidu tal-moviment tal-MUSEUM, qabel ma' l-moviment ingħata għarfien uffiċjali mill-Isqof Caruana bid-digriet tat-12 t'April, 1932. Għalkemm l-isem ta' '*Società Doctrinae Cristiana*' (S.D.C.) kien ingħata flimkien ma' l-għarfien uffiċjali t-titlu ta' M.U.S.E.U.M. li kienu jafuha bih ħafna nies sa mill-1907 ma tneħħiex. Dan it-titlu kien ingħażel mill-moviment u approvat minn San Ġorġ, il-Fundatur sa minn kmieni fil-ħajja tal-moviment; u baqa' miegħu, għalkemm bejn is-snin 1907-1932, is-Soċjetà kienu jsibuha wkoll b'ismijiet oħrajn bħalma kienu 'Istitut ta' San Ġwann Battista' u s-'Soċjetà tal-Papidi' (li mbagħad fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li twaqqfet mill-Isqof fl-1916 inbidel għal dak ta' 'Katekisti Ulied il-Papa'. Għalhekk ma jistax wieħed ikun imqarraq, meta jsostni li Dun Ġammarì u l-kollaboraturi tiegħu taw bidu għall-ħidma tas-Soċjetà tal-MUSEUM fil-Mosta flimkien mal-Fundatur għall-ħabta ta' l-1916.[8]

Minkejja it-tfixkil li sab, Dun Gammarì ma qatax qalbu mill-għajnuna ta' Alla u baqa' għaddej bil-ħidma pastorali tiegħu kemm fil-Mosta kif ukoll barra mir-raħal. Il-qofol ta' ħajtu kien it-tagħlim tal-Kelma ta' Alla u s-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Fis-snin għoxrin huwa nħatar Rettur tal-kappella ta' Sant'Anna fil-Pwales u kien imur regolarment hemm kemm biex iqaddes kif ukoll biex jilħaq mal-bżonnijiet spiritwali tal-gabillotti ta' dawk in-naħat. F'dawk iż-żminijiet il-mezzi tat-transport kienu iebsin. Dun Ġammarì kien jitwassal il-Pwales fuq karettun, minn triq kemmxejn imħarbta, u hemm kien iqatta' bosta jiem 'il bogħod minn daru, f'daqsxejn ta' għorfa mibnija mal-ġenb tal-kappella.[9]



Il-kappella ta' Sant'Anna fil-Pwales fejn Dun Ġammarì kien Rettur fis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor.

Ta' min wieħed jgħid li din il-kappella għandha ġrajja twila marbuta magħha. Hija kienet inbniet qabel is-seklu tlettax fuq artijiet ta' Tommaso Xara. Fil-bidu kienet iddedikata lit-Twelid tal-Madonna - jew il-Vitorja, kif nafuha aħna. Il-kappella kienet profanata diversi drabi u kull darba tbierket mill-ġdid. Iżda meta xi suldati Franċiżi li niżlu Malta fl-1798 għamlu ħerba minnha u qerdu għal kollox il-kwadru titulari b'daqqiet tal-bajjunetti, min kien jieħu ħsieb il- kappella, qiegħed kwadru ta' Sant'Anna minflok dak tal-Madonna li kien hemm qabel.[10]

Fiż-żmien li Dun Ġammarì kien rettur tal-kappella, ċerta Gejtana (mlaqqma 'Taċ-Ċakkar'[11]) li kellha razzett fil-qrib, kienet tieħu ħsieb it-tindif tal-kappella u kienet tagħmilha ta' sagristana. Dun Ġamm kien isib minnha għajnuna siewja.

Dun Ġamm miet qabel il-gwerra. Matul il-gwerra l-kappella ġarrbet xi ħsarat minħabba f'ħidma ta' l-għadu u għalkemm sarulha xi tiswijiet taħt id-direzzjoni tal-Perit England (missier il-Perit magħruf Richard England). Il-kappella tħalliet tintelaq, sakemm fis-snin tmenin beda jieħu ħsiebha Patri Ugolin Xerri ta' l-Ordni Franġiskani Minuri. Wara dan, il-kappella għaddiet għal għand l-A.L.P.S. (għaqda ta' eks-studenti tal-Liċeo). Din il-għaqda bħalissa qiegħda tieħu ħsieb ir-restawr u l-manutenzjoni meħtieġa.[12]

Wieħed ma jkunx ta stampa sħiħa tal-ħajja ta' Dun Ġamm jekk ma jsemmix ukoll il-ħidma li wettaq fil-familja tiegħu stess, l-aktar f'dawk iż-żminijiet bikrin tas-seklu l-ieħor meta l-membri tal-familja kienu jħarsu lejn xi qassis minn tagħhom bħala bastun u kienu jfittxuh għall-pariri f'kull ma kien jinħtieġilhom kemm għar-ruħ kif ukoll għall-ġisem. Ma jistax jonqos li Dun Ġamm ma kellux sehem kbir fit-trobbija tat-tfal tal-familja Vella, l-aktar meta l-missier Klement, kien ikollu jqatta' żmien twil barra minn Malta, fl-Amerika, biex jaqla' l-għixien tiegħu u tal-bqija tal-familja. Il-familja Vella baqgħet magħrufa sew fil-Mosta għall-għaqal tagħha u għas-sens ta' dmir u ta' dixxiplina. Ma jistax jonqos li s-suċċess li għamlu Emanuel Benjamin u ħutu, fosthom Benjamin, fil-qasam edukattiv ma kellux il-bidu tiegħu fil-pedament sod li ħadu fil-familja u ma jistax jonqos li Dun Ġammarì ma kellux sehem f'dan.



Il-familja Vella, fosthom l-omm Carmela (oħt Dun Ġammarì), Klement il-missier, u l-ulied, fosthom Emanuel Benjamin u Benjamin (li jiġi n-nannu tiegħi) - bil-wieqfa, it-tielet u r-raba' mix-xellug rispettivament.

Dun Ġammarì miet fil-5 t'April 1934, fl-età ta' sebgħa u erbgħin sena. Il-quddiesa funebri tiegħu qaddisha l-Arċipriet ta' dak iż-żmien, il-Mosti Dun Girgor Borg. Dun Ġammarì ndifen fil-kannierja tar-Rotunda fil-qabar tal-qassisin.[13]

[1] Fir-reġistru ta' l-Ordinazzjoni (fil-Kurja) huwa mniżżel 'Giuseppe Maria' Azzopardi, għalkemm kulħadd kien jafu bħala Dun Ġammarì u l-isem tiegħu kif jidher fuq il-kitba tal-magħmudija fil-parroċċa tal-Mosta huwa dak ta' Gio Maria. Ta' min wieħed iżid ukoll li l-isem tan-nannu tiegħu kien ukoll Gio Maria.

[2] Dik il-ħabta kien miet l-Arċipriet Dun Lawrenz Sciberras u kien qiegħed jagħmel floku neputih Dun Anġ Camilleri.

[3] Dun Ġammarì huwa z-ziju tan-nannu tiegħi - Benjamin Vella.

[4] L-Isqof Portelli, Dumnikan, kien l-Isqof Awżiljari ta' l-Isqof Pietru Pace.

[5] L-isem 'Manwel Vella' jidher fil-lista tal-'papidi' tas-Soċjetà tal-MUSEUM għas-sena 1916.

[6] Dun Ġammarì kien joqgħod fi Triq il-Kbira, ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp. L-indirizz tiegħu dak iż-żmien kien: 204, Strada Reale. Is-Sinjorina Camilleri (Ta' Lajżar) kienet toqgħod ftit bibien lilhinn minn Dun Ġammarì.

[7] Ara: Emanuel Cilia Debono - L-Oratorju tas-Subien 1916-1917, Soċjetà Piroteknika 15 t'Awwissu - Festa 2008.

[8] Dan ma jnaqqas xejn mill-mertu ta' dawk (Mostin u oħrajn) li ħabirku mhux ftit biex iwaqqfu mill-ġdid ċentru tad-duttrina wara t-tieni gwerra dinjija fl-1946. Anzi dawn il-benefatturi (fosthom il-mibki Nikol Caruana u membri tal-familji Delicata u DeMartino) jisthoqqilhom għarfien xieraq, għax l-ewwelnett kieku ma kienx it-taħbit tagħhom il-Mosta ma kienx ikollha fergħat tal-MUSEUM kif għandha llum u t-tieninett għax l-esperjenza tas-snin 1916-1917 għamlitilhom il-ħidma tagħhom aktar diffiċli.

[9] Komunikazzjoni personali mogħtija minn mart l-iben ta' Gejtana ('Taċ-Ċakkar'), f'Novembru 2008.

[10] Tagħrif miksub mill-internet. Ħajr lil Walter, Glyn u Roderick Busuttil u lill-A.L.P.S.

[11] Dan hu konfermat min-nies tal-familja tiegħi li kienu jafu lil Dun Ġammarì.

[12] Tagħrif miksub mill-internet. Ħajr lil Walter, Glyn u Roderick Busuttil u lill-A.L.P.S.

[13] Ħajr lil Kan. Dun Antoine Borg (illum Kappillan ta' l-Imġarr) ta' l-għajnuna siewja tiegħu fit-tfittxija tiegħi, dwar meta twieled u meta miet Dun Ġammarì, fir-Reġistri Parrokkjali.


